# TAF ?
# L-Aħmadija hija.....

- L-Aħmadija hija organizzazzjoni reliġjuża.
- L-Aħmadija ġiet stabbilita fl-1889 minn Ħażrat Mirża Gulam Aħmad, fil-villaġġ żgħir ta' Kadjan, fil-Punġab, l-Indja.
- L-Aħmadija hi mxerrda f'193 pajjiż mad-dinja.
- L-Aħmadija għandha motto ferm sabiħ:

  Imħabba Għal Kulħadd
  Mibegħda Għal Ħadd

- L-Aħmadija taħdem għall-paċi u l-imħabba fid-dinja kollha.
- L-Aħmadija temmen: "L-Umanità L-Ewwel".
- L-Aħmadija taħdem għal nies foqra.
- Il-websajt tal-ħidma umanitarija hija:
  www.humanityfirst.org

- L-Aħmadija għandha Mexxej Wieħed internazzjonali.
- L-Aħmadija għandha l-akbar Moskea fl-Ewropa, fl-Ingilterra, jisimha "Bait-ul-Futuħ".
- Il-moskej tal-Aħmadija huma postijiet tal-għejun tal-paċi u l-imħabba.
- L-Aħmadija ittraduċiet il-Koran Imqaddes f'aktar minn 50 lingwa differenti.
- L-Aħmadija temmen li Alla Hu Wieħed.
- L-Aħmadija temmen fil-Messaġġieri kollha li ġew fid-dinja , fi żminijiet differenti.
- L-Aħmadija temmen fil-Kotba Mqaddsa kollha.
- L-Aħmadija temmen fil-messaġġ benevolenti tal-Iżlam – paċi, fraternità universali u dedikazzjoni għar-Rieda t'Alla – fil-forma purissima tagħha.
- L-Aħmadija tinkoraġġixxi d-djalogu bejn reliġjonijiet differenti, filwaqt li tiddefendi l-Iżlam u tipprova tikkoreġi l-miżinterpretazzjonijiet li jeżistu dwar dan it-twemmin.
- L-Aħmadija temmen li: "Il-Ġenna tagħna qiegħda f'Alla tagħna."

- L-Aħmadija tħaddn il-prinċipji tal-paċi, tat-tolleranza, tal-imħabba u r-rispett bejn segwaċi ta' twemmin differenti. Hija żżomm sod u taġixxi fuq it-tagħlim Koraniku; "Mhemmx sfurzar fir-reliġijon."
- L-Aħmadija torganizza l-konvenzzjoni annwali tagħha f'pajjiżi differenti kull sena.
- L-Aħmadija temmen li: "L-imħabba u l-lealtà lejn pajjiż hija parti integrali fil-fidi ta' kull Musulman".
- L-Aħmadija temmen fl-imħabba u l-lealtà lejn pajjiż.
- L-Aħmadija tikkundanna bil-qawwi l-vjolenza u t-terroriżmu ta' kull għamla jew raġuni.
- Din il-Komunità toffri preżentazzjoni ċara tal-għarfien Iżlamiku, il-filosofija, il-moralità u l-ispiritwalità skont kif jippriedka l-Koran Imqaddes u l-prattika (Sunnah) tal-Profeta Qaddis tal-Iżlam Muħammad, il-paċi u l-barka ta' Alla jkunu miegħu.
- Din hija denominazzjoni moderna, b'membri internazzjonali li jgħoddu l-miljuni.